# Malta f'Mejju tal-1935: Esebizzjoni ta'

## Ritratti minn kollezzjonijiet tal-Arkivji Nazzjonali u dik personali ta' Giovanni Bo

**Dr Simon Mercieca**

Bejn il-5 u t-12 ta' Mejju 1935, il-Gvern Kolonjali Ingliż organizza numru ta' attivitajiet kbar biex ifakkar l-anniversarju tal-fidda (Silver Jubilee) tar-Re Ġorġ V. F'Mejju ta' dik is-sena kien għalaq 25 sena fuq it-tron tal-Ingilterra.

Dawn l-attivitajiet kienu jikkonsistu f'ikliet għall-orfni, attivitajiet sportivi għat-tfal tal-iskola, tea parties għas-sinjuri f'San Anton, teatru u ċinema għat-tfal b'xejn u dik li kienet imsejħa "battle of flowers" fejn għall-ewwel darba daħal il-kunċett ta' karrijiet tal-Karnival imżejna bil-fjuri tal-karti u dawk ta' fuqhom kienu jitfgħu l-fjuri tal-karti lil xulxin.

Ma kienx jonqos il-baned f'dawn il-manifestazzjonijiet li taw l-allegrija tagħhom, waqt li każini u ħwienet ġew mistiedna biex iżejnu l-faċċati tagħhom. Kien hemm premjijiet għall-aħjar faċċati. Fuq kollox, kien hemm mixegħla bis-*searchlights* tal-port u ta' numru ta' knejjes u postijiet prominenti oħra. Għall-1935, din kienet xi ħaġa spettakulari meta tqis li f'Malta kien għad hemm ħafna djar mingħajr dawl jew kif kienu jsejħulha luce elettrika.

Għawdex ukoll kellu s-sehem tiegħu bi żjara tal-Gvernatur Campbell bħala parti minn dawn iċ-ċelebrazzjonijiet f'din il-gżira. Il-parati militari f'Malta u xi Te Deum f'San Ġwann ma naqsux ukoll.

Dawn l-attivitajiet ġew immortalizzati b'numru ta' ritratti li llum qegħdin miġbura f'kollezzjonijiet privati u oħrajn pubbliċi. Grazzi għall-APS Bank, numru ta' ritratti minn żewġ kollezzjonijiet maġġuri, jiġifieri dik tal-Arkivji Nazzjonali u dik ta' Giovanni Bonello, qed ikunu esebiti f'din il-wirja. Dawn ġew riprodotti mingħajr ma saret l-ebda manipulazzjoni fuqhom u llum jinsabu għall-wiri fil-foyer tal-APS Bank fis-Swatar.

Din l-esebizzjoni hi akkumpanjata b'katalgu, fejn fih ġew riprodotti ritratti li qed ikunu esebiti, b'deskrizzjoni tal-avvenimenti li huma kienu qed jimmortalizzaw. Fih ukoll introduzzjoni storika minn Leonard Callus dwar l-istorja ta' dan il-*Jubilee*. Callus pinġa d-dinja soċjali u politika Maltija tas-snin tletin tas-seklu l-ieħor. Kienet dinja xejn sabiħa. Ma tlifna xejn minnha meta spiċċat. Kienet dinja magħmula minn ċirki ta' espjonaġġ qawwi Ingliż, immexxi fost l-oħrajn mill Bertram Ede u Roger Strickland.

Kien żmien meta l-Ingilterra kienet temmen fil-'welfare society' u ftit li xejn, kienet titkellem dwar l-'istat soċjali'. Għall-bidu l-Ingliżi ħasbu li l-Maltin kellhom iħallsu għal dawn l-avvenimenti. Indunaw li fil-kuntest tal-aggressjoni kulturali Taljana, fejn l-Italja Faxxista saret l-uniku sors ta' edukazzjoni għal dawk li riedu jitgħallmu u ma kellhomx mezzi meħtieġa, din kienet se tispara f'wiċċhom u b'hekk biddlu r-rotta u ddeċidew li għandu jħallas l-Imperu.

Kienu waħħlu fil-popolazzjoni kbira ta' Malta bħala l-kawża tal-ekonomija ħażina f'pajjiżna. Ftit emmnu li l-popolazzjoni kbira Maltija hija wkoll kapital għall-iżvilupp ekonomiku. Kien żmien fejn dawk li ħasbu li Malta setgħet tgħaddi mingħajr l-Ingliżi kienu mgħoddijin ta' mġienen u għedewwa tal-poplu. Iż-żmien tahom raġun. Fi ftit snin, dan l-imperu kien spiċċa u Malta ħadet l-indipendenza tagħha u għamlet miraklu ekonomiku anki jekk il-popolazzjoni tal-gżira kienet ħafna ikbar minn dik tal-1935.

Joħroġ ċar mill-istudju ta' Callus, li l-Ingliżi riedu jużaw dawn l-avvenimenti biex iroxxu l-bżar fl-għajnejn. Fil-konklużjoni tiegħu, Callus jagħmel referenza għal detto famuż Latin meħud mill-Guvinale ta' "*pane et circenses*" jew "*ħobż u logħob*". Dak kien li ppruvaw jagħmlu b'dawn l-avvenimenti l-Imperjalisti Britanniċi.

Callus daħal fid-dettall ta' kif intefqu l-flus. L-ikbar ammonti ntefqu fuq il-baned u l-logħob tan-nar. Magħhom żied bnadar għat-tfal ħalli jxejruhom. Imbagħad kien hemm attivitajiet ta' karità, bħal ikla għat-tfal tal-orfni.

L-Imperjaliżmu elitista Ingliż tant kien qawwi, li xi għalliema bdew jagħfsu fuq it-tfal biex jixtru libsa biex ikunu jistgħu jattendu għal dan l-ispettaklu f'ġieħ ir-Re tal-Ingilterra. Imbagħad xi ħadd f'sensieh fid-Dipartiment ħareġ struzzjonijiet li m'hemmx għalfejn ilbiesi ġodda għax dan kien se jwassal biex ħafna 'tfal ma jkunux jistgħu jattendu minħabba l-faqar li kienu fih.

Ritratt minnhom jippreżenta din l-idea ta' dan il-faqar bit-tfal jiġġieldu ma' xulxin biex jiġbru xi sold li xi ħadd kien tefgħalhom fl-art (ara paġna 24). Dan ir-ritratt fakkarni f'xeni komuni li kien ikollna fil-port il-kbir f'dawn l-istess żminijiet meta l-baħrin Ingliżi kienu jitfgħu xi sold fil-baħar minn fuq xi bastiment u ħafna tfal kienu jgħoddsu fil-ħama għalih.

Wieħed mit-tfal li kien jgħum biex jiġbor xi sold kien jgħid li tgħallem jgħum b'għajnejh miftuħa biex ikun jista' jiġbor xi sold. Baqgħu impressjonati f'moħħu l-baħrin jidħku bih u bit-tfal sħabu wara li jkunu ġabru dan is-sold. Wieħed jista' jifhem għalfejn dan it-tifel meta kiber sar jobgħod lill-Ingliżi u dan l-element ta' tbatija u ta' umiljazzjoni ma nsieh qatt u baqa' jgħaddi dawn il-memorji xejn sbieħ lil uliedu u wlied uliedu meta kienu jmorru jżuruh fid-dar żgħira tiegħu fl-Isla u jistaqsuh dwar tfulitu.

Ritratt ieħor juri li l-polemika kulturali tas-snin tletin ħarġet anki f'dawn l-avvenimenti. Kienet saret galera li ġiet esebita fil-port. Iżda Callus jurina wkoll li kien hemm ħsieb li jinbena bastiment tal-Vikingi. Fil-fatt din inbniet mill-iscouts. L-ispjegazzjoni ta' dan għandha tinsab fil-fatt li l-galera kienet tirrappreżenta l-kultura marittima Taljana u dak kollu li kien Taljan beda jiġi mpinġi bħala Faxxista f'Malta waqt li Vikingi kienu jidhru bħala l-antenati storiċi tal-Ingliżi, anki jekk fuq il-kuntest lokali, l-Istriklandjani kienu jippreferu jgħidu li l-antenati tal-Ingliżi kienu l-Feniċi. Dan jispjega għala l-iscouts ingħataw li jibnu dan il-bastiment tal-Vikingi.

Fuq kollox, Callus ifakkarna



Replika tax-xini San Giovanni, maħdum mill-ħaddiema tad-Dockyard, waqt il-Karnival fuq l-Ilma li kien organizzat it-Tlieta 7 ta' Mejju 1935



Il-Gvernatur Campbell jindirizza t-tfal tal-iskola u l-iscouts Għawdxin fit-Tokk waqt iż-żjara li għamel f'Għawdex il-Ħamis 9 ta' Mejju 1935 bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-Ġublew tar-Re


UFFIĊĊJU TAD-DEPUTAT PRIM MINISTRU
MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET EWROPEJ

SEGRETARJAT PARLAMENTARI
GĦALL-PRESIDENZA TAL-UE 2017 U FONDI EWROPEJ

**EKONOMISTA**

Qed jintlaqgħu applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Ekonomista fi ħdan il-Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u t-Twettiq tal-Manifest Elettorali.

L-applikazzjonijiet flimkien ma' CV iddettaljata jridu jintbagħtu fid-Direttorat għas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u Twettiq tal-Manifest Elettorali, Tal-Pilar, 31B, Triq Marsamxett, il-Belt Valletta, VLT 1850 jew jintbagħtu permezz tal-Online Government Recruitment Portal fuq http://recruitment.gov.mt mhux aktar tard minn **nofsinhar tal-Ġimgħa, 19 ta' Ġunju 2015.**

Dawk li huma interessati f'dawn il-pożizzjonijiet jistgħu jiksbu aktar informazzjoni mill-Gazzetta tal-Gvern ippubblikata fid-29 ta' Mejju 2015.

L-applikazzjonijiet jistgħu jitniżżlu minn:
https://opm.gov.mt/en/PAHRO/RESOURCING/Pages/Forms%20and%20Templates/Forms-and-Templates.aspx

# Ritratti ta' Żmien l-Imperu

## ello għall-wiri fil-foyer tal-APS Bank fis-Swatar




Grupp ta' tfal, li ma kinux jattendu l-iskola, wara festin li kien organizzat għalihom. Ta' min jinnota li wħud minnhom għandhom borża ħelu




Karru mżejjen waqt il-Battalja tal-Fjuri li nżammet is-Sibt 11 ta' Mejju 1935 mill-5.00pm 'l quddiem. Il-karru jinsab għaddej bejn żewġ binjiet li spiċċaw fit-Tieni Gwerra Dinjija, it-Teatru Rjal u l-istazzjon tal-ferrovija.

**Leonard Callus pinġa d-dinja soċjali u politika Maltija tas-snin tletin tas-seklu l-ieħor. Kienet dinja xejn sabiħa. Ma tlifna xejn minnha meta spiċċat**

li, waqt li kienu għaddejjin dawn il-manifestazzjonijiet f'ġieħ Re Ġorġ V, fit-tarzna kien hemm kriżi kbira. Il-kriżi tal-Abbissinja, jiġifieri meta l-Italja Faxxista invadiet u ħadet l-Etjopja, wasslet biex ir-relazzjonijiet bejn l-Ingilterra u l-Italja marru għall-agħar. Kien hemm min fost l-Ingliżi li ġa beda jaħseb fuq gwerra bejn dawn iż-żewġ pajjiżi. Ir-riżultat kien li l-flotta Ingliża tal-Mediterran, li sa dak iż-żmien kellha l-bażi f'Malta, telqet lejn Lixandra. Dan wassal għal kriżi fit-Tarzna u madwar il-port kollu għaliex ħafna familji kienu jgħixu b'mod indirett minn fuq it-Tarzna.

Callus ifakkar f'każ ieħor tad-despotiżmu Ingliż u dan kien jikkonċerna liż-żagħżugħ Ġorġ Borg Olivier. Meta kienu għaddejjin dawn l-avveniment, Borg Olivier kien ġa involut fil-politika, f'dawk li llum jissejħu 'student politics'. Hu kien il-President tal-Assoċjazzjoni tal-Istudenti Universitarji jew kif kienet imsejħa dak iż-żmien il-'Comitato Permanente Universitario'. Dan kien ġie xolt mill-Ingliżi minħabba li skont huma, dawk li kienu jmexxuh kienu jagħmlu minn dawk li l-istess Ingliżi kienu qed jqisu bħala "traitorous citizens from loyal Malta". Dak iż-żmien, The Times kienet faħħret id-deċiżjoni tal-Gvern. Kienet il-gazzetta li trewwaħ il-politika 'faxxista' tal-Gvern Ingliż.



Fuq kollox, dan l-istudju jagħti tagħrif interessanti dwar il-qagħda ġenerali tal-edukazzjoni f'pajjiżna. Jitkellem dwar il-livell għoli ta' assenteiżmu fl-iskejjel ta' dik il-ħabta. L-Ingliżi ġew konxju tiegħu, mhux għax verament kien hemm interess fl-edukazzjoni, iżda għax riedu jkunu jafu kemm kien se jkun in-numru ta' tfal li kienu se jattendu għal dawn l-avvenimenti!

Għal dawk li jinteressawhom l-istorja tal-irħula, Callus jagħti wkoll l-avvenimenti partikolari li saru fl-ibliet u l-irħula Maltin matul dan il-Jubilee. Ftit huma dawk il-persuni li llum għadhom jiftakruhom. Kienu għadhom tfal. Meta staqsejt xi wħud minnhom, li llum għandhom mad-disgħin sena x'jiftakru, il-memorji tagħhom huma vagi. Dak li l-aktar baqgħu jiftakru kienet il-borża tal-ħelu!

Din l-esebizzjoni ta' ritratti ġiet imsemmija bħala "*The Calm before the Storm*" b'referenza għall-maltempata kbira li kienet ġejja fuq Malta permezz tat-Tieni Gwerra Dinjija.

Illum huma ftit dawk l-istituzzjonijiet li għadhom jemmnu fil-kultura. Il-Bank tal-Knisja Kattolika, APS, huwa wieħed minn dawk li għad għandu għal qalbu l-kultura u din l-esebizzjoni hi xhieda ta' dan. Dawk li jħobbu l-fotografija għandhom xalata ta' ritratti storiċi meħudin meta t-teknika u l-għodod tal-fotografija kienu għadhom primittivi. Dawk li għandhom għal qalbhom l-istorja, jistgħu jgawdu r-ritratti storiċi akkumpanjati minn text storiku, miktub bl-Ingliż.

Dan il-ktieb qed jingħata b'xejn lil dawk kollha li jżuru din l-esebizzjoni. B'hekk mhux biss qed igawdu minn katalgu jew souvenir li jiġbor fih dawn ir-ritratti, iżda wkoll minn rakkont storiku li jitkellem dwar l-avvenimenti tas-snin tletin tas-seklu għoxrin.




**Baxter**

Baxter tipproduċi apparat mediku li jintuża għall-pazjenti fl-isptarijiet u l-kliniċi.

Minħabba tkabbir fil-produzzjoni lokali, għandna bżonn nimpjegaw:

### Operators

Xogħol l-operator jinkludi xogħol manwali fuq settijiet tal-*IV Therapy*.

Huwa neċessarju li l-applikanti jkollhom:

- Livell bażiku ta' Ingliż u Matematika.
- Ikollhom it-trasport tagħhom.
- Ikunu lesti li jaħdmu fuq rotazzjoni ta' 3 *shift*.
- Ikunu għalqu t-tmintax-il sena.

Għal dan ir-rwol qegħdin noffru t-taħriġ kollu neċessarju.

Applikanti li huma interessati, jistgħu:

- Iċemplu fuq in-numru 25964000
- Jibagħtu CV fuq l-email jobs_malta@baxter.com
- Jiġu japplikaw fir-reception ta' Baxter Ltd, A47 Industrial Estate, il-Marsa, MRS3000